



Brussell, 22 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8500/1/18
REV 1 ADD 1 REV 1

Fajls Interistituzzjonali:

2015/0272 (COD)

2015/0276 (COD)

2015/0274 (COD)

2015/0275 (COD)

CODEC 666
ENV 265
COMPET 261
MI 305
AGRI 201
IND 114
CONSOM 123
ENT 82

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR
QAFAS TA' POLITIKA GĦALL-EKONOMIJA ĊIRKOLARI

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari¹. Biex jinżamm rekord tal-progress lejn l-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni adottat qafas ta' monitoraġġ² li jibni fuq il-Valutazzjoni tal-Effiċjenza tar-Riżorsi u tal-Materja Prima eżistenti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll lejn il-ħidma tagħha li għadha għaddejja dwar indikatur tal-impatt għall-prodotti u l-organizzazzjonijiet.

L-azzjonijiet meħuda skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, fil-kuntest tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-istrategġija dwar il-plastik³ jew tal-proposta reċentement emendata dwar il-garanzija legali għall-prodotti tal-konsumatur⁴.

F'dak li jirrigwarda l-konsistenza bejn l-oqfsa regolatorji tal-Unjoni, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-għażliet biex tiġi indirizzata l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni tas-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart⁵. Fl-2018, il-Kummissjoni se teżamina wkoll għażliet u azzjonijiet għal qafas ta' politika aktar koerenti għal-linji ta' ħidma differenti dwar il-politika tal-prodotti tal-UE fil-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari. L-interazzjonijiet bejn il-leġislazzjoni u l-kooperazzjoni tal-industrija dwar l-użu ta' prodotti sekondarji u l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart se jiġu wkoll ikkunsidrati fil-qafas ta' dawn l-inizjattivi u s-segwitu tagħhom.

Fir-rigward tal-ekodisinn, il-Kummissjoni, skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn għas-snin 2016-2019⁶, tikkonferma l-impenn qawwi tagħha biex jiġi żgurat li l-ekodisinn joffri kontribut aktar sinifikanti lill-ekonomija ċirkolari, pereżempju billi jindirizza b'mod aktar sistematiku l-kwistjonijiet tal-effiċjenza tal-materjali bħad-durabbiltà u r-riċiklabbiltà.

1 COM(2015) 614 final
2 COM(2018) 29 final
3 COM (2018) 28 final
4 COM(2017) 637 final
5 COM (2018) 32 final
6 COM(2016) 773 final

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR
L-INIZJATTIVI GĦALL-EKONOMIJA KOLLABORATTIVA

Skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari⁷, il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi dwar l-ekonomija kollaborattiva. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva⁸ f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi u regulatorji tal-ekonomija kollaborattiva, bil-ħsieb li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi, filwaqt li tiżgura protezzjoni tal-konsumatur u protezzjoni soċjali adegwata.

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR IL-MIKROPLASTIK

Fil-kuntest tal-istrategġija Ewropea għall-Plastiks adottata reċentement fl-Ekonomija Ċirkolari⁹, il-Kummissjoni ressqet approċċ ta' strategġija integrata biex tindirizza t-tħassib dwar il-mikroplastik, inkluż l-ingredjenti tal-mikrożibeġ. Dan jiffoka fuq azzjonijiet preventivi u għandu l-għan li jnaqqas ir-rilaxx tal-mikroplastik mis-sorsi ewlenin kollha – kemm jekk minn prodotti li fihom huma intenzjonalment miżjuda (bħal prodotti għall-kura personali u ż-żebgħat) jew minn dawk li joriġinaw mill-produzzjoni jew użu ta' prodotti oħrajn (bħall-plastik osso, it-tajers, il-gerbub tal-plastik, u t-tessuti).

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR IR-RIEŻAMI TAR-REGOLAMENT
DWAR IL-VJEĠĠI TAL-ISKART U DWAR IL-MATERJALI TAT-TMIEM TAL-ISKART

Fil-kuntest tar-rieżami ppjanat tar-Regolament (UE) Nru 1013/2006 dwar il-vjeġġi ta' skart li jridu jitwettqu sal-aħħar tal-2020, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-fattibbiltà li jkunu previsti miżuri ulterjuri rigward il-vjeġġi ta' materjali tat-tmiem tal-iskart fejn il-kriterji tat-tmiem tal-iskart ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

⁷ COM(2015) 614 final

⁸ COM(2016) 356 final

⁹ COM (2018) 28 final

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR MIŻURI BIEX JIĠI ŻGURAT LI JSIR
IT-TRATTAMENT TAL-ISKART QABEL IR-RIMI F'LANDFILL

Skont l-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li fil-landfill jiġi mitfugħ biss skart li jkun ġie soġġett għat-trattament, filwaqt li jiżguraw li tali miżuri ma jikkompromettux il-ksib tal-oġġettivi tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) kif reveduta, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart, il-ġbir separat tal-iskart u l-miri ta' tħejjija għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, kif stabbilit f'dik id-Direttiva.

Filwaqt li tibni fuq l-iskambju ta' fehmiet li seħħ waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li saret fit-30 ta' Ġunju 2017 u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-323/13, fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tintensifika d-djalogu tagħha mal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri ta' politika li jridu jittieħdu f'dan il-qasam.

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR
IL-PROĊEDURA TA' ADOZZJONI TA' ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li tinvoka l-Artikolu 5(4), subparagrafu 2, punt b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' hteġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni *tista'* tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4)(b), dan ir-rikors ma jistax jidher sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġiżlatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat.

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR
ID-DISPONIBBILTÀ TAD-DATA U L-OBBLIGI TA' RAPPORTAR

Bil-ħsieb li jkun monitorat il-progress lejn il-miri ġodda għall-iskart muniċipali u l-iskart mill-imballaġġ, u fid-dawl tal-klawsoli ta' rieżami rilevanti, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u r-riċiklaġġ ta' żjut għar-rimi, il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza tal-fehim komuni li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi li l-Istati Membri ser jiżguraw li r-rapportar ta' data taħt id-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendati, ser ikopri s-sena 2020.

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

Frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri

Il-Polonja nnotat b'dispijaċir l-informazzjoni li tikkonċerna ż-żieda fil-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri.

L-abbozzi ta' direttivi jżidu l-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri minn sentejn għal kull sena, li qatt ma ġiet aċċettata fil-mandat. Is-soluzzjonijiet imressqa jirrappreżentaw piż amministrattiv sinifikanti għall-Istati Membri. Il-Polonja appoġġat il-mandat f'Mejju 2017 bil-kondizzjoni li jittieħed kont tat-talba tal-Polonja rigward il-frekwenza tar-rapportar.

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

Il-Greċja tappoġġa l-kompromess ġenerali miksub waqt in-negozjati għall-"Pakkett dwar l-Iskart", filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi enormi li saru biex jintlaħaq qbil, kif ukoll l-importanza tal-pakkett fi ħdan il-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Madankollu, ġew inklużi għadd ta' dispożizzjonijiet importanti tul in-negozjati li mhumiex legalment koerenti, jew li mhumiex ibbażati fuq valutazzjoni tal-impatt xierqa, b'mod partikolari:

L-Art. 9(1) l-inċiż 9 u l-Art.9(1a) dwar l-interfaċċja bejn REACH u l-iskart, kif ukoll in-nuqqas ta' referenza għall-Art. 10(2) u 10(3) tal-WFD fi:

Art. 11(1) dwar id-demolizzjoni selettiva,

Art. 18.3 dwar l-iskart perikoluż imħallat,

Art. 20 dwar il-ġbir separat tal-iskart domestiku perikoluż u

Art. 22(1) dwar il-bijoskart

Fil-fehma tagħna, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija x'aktarx tirriżulta daqstant ta' sfida fil-prattika għan-negozji, l-amministrazzjoni pubblika u għaċ-ċittadini, li ser tkun saħansitra kontroproduktiva fir-rigward tal-oġettiv iġenerali tal-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari b'mod sostenibbli.

Barra minn hekk, aħna tal-fehma li r-responsabbiltà finanzjarja sħiħa għandha tiġġarrab mis-sistemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) u ninnutaw li l-mira ta' 10 % ta' rimi f'landfills ta' skart municipli sal-2035/2040 ma tiħux kont biżżejjed tal-kundizzjonijiet soċjali differenti jew tad-densità u l-karatteristiċi tal-popolazzjoni bejn l-Istati Membri u inevitabbilment dan iwassal għal żieda fl-inċinerazzjoni, li hija eżitu subottimali.

Barra minn hekk, inħeġġu lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod sistematiku u koerenti il-karatteristiċi speċifiċi ta' gżejjer remoti żgħar bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni tal-pakkett u notevolment tad-Direttiva dwar il-Landfills riveduta kif ukoll tal-Art. 10(1) sa 10(3) u tad-dispożizzjonijiet relatati msemmija hawn qabel.

DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA

Il-Finlandja tappoġġa l-għanijiet u l-oġettivi kif ukoll il-kompromess ġenerali dwar il-"Pakkett dwar l-Iskart", li jwitti t-triq għal żieda fir-riċiklaġġ u tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari.

Madankollu, il-Finlandja tixtieq ittenni t-tħassib tagħha dwar l-inkonsistenzi tal-miri ġenerali ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ fir-rigward tal-miri speċifiċi għall-materjal tiegħu (Artikolu 6, paragrafu 1, punti (f) u (h) tad-Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ).

Aktar preċiżament, il-Finlandja tqis li t-tnaqqis fil-miri speċifiċi għall-materjali ma kinux riflessi suffiċjentement fil-miri ġenerali ta' riċiklaġġ. Mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, pereżempju, il-mira ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam tnaqqset b'35 punt perċentwali (minn 60% għal 25%) fl-2025 u b'45 punt perċentwali (minn 75% għal 30%) fl-2030. Minkejja dan, il-mira ġenerali għall-2025 baqgħet l-istess (65%) bħal fil-proposta tal-Kummissjoni, u l-mira għall-2030 tnaqqset biss b'5 punti perċentwali (minn 75 % għal 70 %).

Il-Finlandja tqis ukoll li l-miri ġenerali ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ ma jidhux kont biżżejjed tal-fatt li l-ħila tal-Istati Membri li jiksibu l-miri tiddependi b'mod sinifikanti fuq il-proporzjoni ta' ċerti materjali ta' imballaġġ li jintużaw. F'dan ir-rigward, il-ftehim finali huwa partikolarment sfavorevoli għal dawk l-Istati Membri fejn huwa mifrux l-użu ta' imballaġġ tal-injam u fejn l-proporzjon tal-iskart mill-imballaġġ tal-injam tal-ammont totali tal-iskart mill-imballaġġ ikun sinifikanti.

Għal dawn l-Istati Membri, il-miri ġenerali ta' riċiklaġġ jistgħu jintlaħqu biss fil-prattika jekk ir-rati ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam jistgħu jiżdiedu għal livelli b'mod ċar 'il fuq mill-miri speċifiċi għall-materjali. Saħansitra riċiklaġġ estremament effiċjenti ta' materjali tal-iskart mill-imballaġġ oħra (jiġifieri ħafna ogħla mill-miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-materjali tagħhom) ma jistax jagħmel tajjeb għall-impatt dominanti tar-rata aktar baxxa ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-injam. Dan huwa kontradittorju minħabba li l-miri ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-injam deliberatament ġew stabbiliti f'livell aktar baxx minħabba l-potenzjal limitat ta' riċiklaġġ.

Konsegwentement, u għal darb' oħra filwaqt li tisħaq fuq l-impenn u l-appoġġ għall-għanijiet u l-oġettivi tal-pakkett dwar l-iskart, il-Finlandja jiddispijaċiha li l-miri ġenerali vinkolanti ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ jittrattaw lill-Istati Membri b'mod mhux indaqs skont il-proporzjoni ta' ċerti materjali tal-imballaġġ użati b'rabta mal-ammont totali tal-materjali ta' imballaġġ kollha.

DIKJARAZZJONIJIET MILL-ĠERMANJA

Ġbir separat

1. L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) attwali jistipula li, biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' rkupru skont l-Artikolu 10(1), l-iskart irid jinġabar b'mod separat "jekk dan ikun teknikament, ambjentalment u ekonomikament prattikabbli". L-emenda għall-Artikolu 10(2) li ntlaħaq qbil dwarha fit-trilogu neħħiet din il-kundizzjoni u ssostitwietha fl-Artikolu 10(3) ġdid bi klawżola ta' deroga speċjali li skontha l-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mir-rekwiżit ta' ġbir separat soġġett għal ċerti kondizzjonijiet. Din l-emenda għall-Artikolu 10 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart mhux biss għandha impatt fuq l-obbligi diretti għall-produtturi u d-detenturi, iżda taffettwa wkoll l-obbligi tal-Istati Membri biex jiżguraw ġbir separat ta' ċertu skart, jilhq u l-kwoti tar-riċiklaġġ (Artikolu 11 WFD) u jiġbru l-bijoskart b'mod separat (Artikolu 22 WFD).

Il-Ġermanja tappoġġa l-oġġettiv tal-WFD li tinkiseb ekonomija ċirkolari sostenibbli kemm fil-livell tal-UE u nazzjonali. Dawk kollha kkonċernati għandhom jieħdu sehem fl-isforzi biex tinkiseb ekonomija ċirkolari; għaldaqstant, l-ekonomija ċirkolari teħtieġ bażi legali soda. Il-Ġermanja tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, irrispettivament mill-klawżola ta' deroga fl-Artikolu 10(3) tal-WFD, kemm it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u d-dritt kostituzzjonali Ġermaniż jistipulaw li obbligi legalment vinkolanti bħal, b'mod partikolari, obbligi ta' ġbir separat jistgħu jiġu imposti biss fuq produttori u detenturi tal-iskart jekk ikunu proporzjonati, jiġifieri adatti, neċessarji u xierqa bil-ħsieb li jtejbu r-riċiklaġġ.

2. L-istess japplika għall-projbizzjoni ġdida fuq l-inċinerazzjoni tal-iskart miġbur separatament skont l-Artikolu 10(3a) (ġdid) tal-WFD u l-projbizzjoni fuq ir-rimi f'landfills ta' tali skart skont il-punt (f) ġdid tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Landfills. Dawn il-projbizzjonijiet jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produttori u d-detenturi jekk ikunu proporzjonali. Minbarra dan, l-Artikolu 13 tad-WFD jirrikjedi li l-ġestjoni ta' tali skart titwettaq mingħajr ma tiġi pperikolata s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent.

Rigward l-obbligu li l-ECHA tingħata informazzjoni dwar l-Artikoli (l-Artikolu 9(1)(i) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)

Id-dispożizzjoni li ddaħħlet fid-disa' inċiż tal-Artikolu 9(1)(i) u fl-artikli 9(2) matul il-fażi finali tan-negozjati tat-trilogu, li tipprevedi li l-artikli li jkun fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna fit-tifsira tar-Regolament REACH għandhom jiġu inklużi f'bażi tad-data fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tqajjem għadd ta' mistoqsijiet dettaljati li għandhom jiġu ċċarati sabiex l-Istati Membri jistgħu jfasslu regolamenti li jżommu mal-miri tad-dispożizzjoni. Pereżempju, hemm bżonn ta' kjarifika dwar kif jiġu identifikati l-oġġetti kkonċernati b'tali mod li jkunu jistgħu jiddaħħlu fil-bażi ċentrali f'forma li jkunu jistgħu jinstabu faċilment. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet komuni jeħtieġ li jiġu mfassla biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' sottomissjonijiet multipli għall-istess artiklu li huma mistennija f'għadd kbir b'riżultat tal-estensjoni tal-obbligi fuq il-fornituri kollha tul il-katina tal-provvista.

Il-Ġermanja tqis li huwa ta' dispjaċir li din id-dispożizzjoni, li ser titlob sforz konsiderevoli mill-partijiet kollha, ġiet inkluża fl-abbozz mingħajr it-tnejnija adatta f'termini ta' kontenut jew il-valutazzjoni adatta tal-impatt meħtieġa għal kwistjoni daqstant kumplessa. Il-Ġermanja tista' taqbel biss bil-ħsieb tal-kompromess ġenerali milħuq fil-proċedura tat-trilogu. Il-Ġermanja titlob li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-ECHA bħala l-korp responsabbli għaż-żamma tal-bażi tad-data, tispeċifika d-dettalji preċiżi meħtieġa biex jippermettu lill-ECHA u l-Istati Membri jimplimentaw id-dispożizzjoni b'mod adatt waqt li jiġi limitat l-ammont ta' xogħol għall-minimu neċessarju. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li dan jeħtieġ emendi supplementari għad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta abbozz ta' dispożizzjonijiet għal dan l-għan.
